RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/324 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tat-18 ta' Ottubru 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra t-tieni rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0238/2022),

A. billi, skont l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha fit-Trattati u f'konformità mal-proċeduri, il-kundizzjonijiet u l-għanijiet stabbiliti fihom, u billi l-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka;

B. billi l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jmisshom ikunu eżempju ta' integrità, trasparenza u responsabbiltà sħiħa lejn iċ-ċittadini tal-Unjoni fir-rigward tal-fondi fdati lilhom bħala istituzzjonijiet tal-Unjoni;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Itenni l-osservazzjonijiet tiegħu rigward l-"allowance ta' kofinanzjament ta' spejjeż tal-IT għall-membri" li tipprovdi lil kull membru allowance annwali tal-IT ta' EUR 3 000 (EUR 5 000 fl-2020 fil-qafas taż-żieda ta' darba relatata mal-miżuri introdotti b'riżultat tal-pandemijatal- COVID-19); jitlob lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (il-"Kumitat") jerġa' jikkunsidra l-ammont tal-allowance tal-IT kif ukoll in-natura tiegħu, bil-għan li jaqleb minn allowance b'rata fissa għal ħlas ibbażat fuq spejjeż attwali u ġustifikati;

2. Ifakkar li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-bureau tal-Kumitat adotta deċiżjoni temporanja li tippermetti lill-membri tal-Kumitat jitolbu l-allowance tas-sussistenza tas-soltu talli jkunu pparteċipaw fil-laqgħat tal-Kumitat mill-bogħod biex jikkumpensaw lill-membri għall-ħin li jkunu qattgħu fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom u għall-ispejjeż amministrattivi relatati f'każijiet fejn il-membru ma setax jivvjaġġa lejn Brussell; huwa konxju li proposta strutturali għal allowance speċifiku għall-attendenza mill-bogħod għal-laqgħat ġiet ippreżentata u adottata aktar tard mill-Kunsill f'Ġunju 2021; jirrikonoxxi li kwalunkwe prattika ġdida ta' remunerazzjoni teħtieġ l-approvazzjoni permezz ta' deċiżjoni mill-Kunsill u, għalhekk, itenni t-talba lill-Kumitat biex jipproponi remunerazzjoni ġusta u proporzjonata għall-membri li magħha l-Kunsill jista' jaqbel;

Ġestjoni interna, prestazzjoni, kontroll intern

3. Jifhem l-impatt li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq l-attività tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inklużi l-iskadenzi stretti għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida u għalhekk, biex il-kumitati konsultattivi jagħtu l-opinjonijiet tagħhom; ifakkar li l-Kumitat adotta, qabel l-approvazzjoni tal-proċedura emendata tiegħu, 13-il dokument ta' pożizzjoni b'reazzjoni għal referenzi biex jiżgura kontribuzzjoni effettiva u f'waqtha għar-reazzjoni tal-Unjoni għall-pandemija tal-COVID-19; huwa konxju li l-Kumitat jimmonitorja l-konformità tiegħu mal-iskadenzi istituzzjonali stabbiliti għall-opinjonijiet tiegħu u li ġew adottati miżuri *ad hoc* wara rapport tal-awditu intern mill-2019; iħeġġeġ lill-Kumitat jirrapporta dwar dawk il-miżuri u dwar azzjonijiet oħra possibbli f'dak ir-rigward; ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li għamel f'riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni interistituzzjonali u konsegwentement l-impatt tal-hidma tal-Kumitat; ifakkar ukoll fir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kumitat biex iwettaq valutazzjoni tal-impatt kwalitattiva tal-opinjonijiet tiegħu; jirrikonoxxi l-importanza li l-Kumitat jinżamm bħala korp konsultattiv b'saħħtu, li jippermetti djalogu bejn is-sħab soċjali, b'mod partikolari l-impjegaturi, l-impjegati u r-rappreżentanti ta' diversi interessi oħra;

4. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kumitat Nru 078/21 ma tipprovdix gwida fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li fihom għandu jiġi kkonsultat is-servizz legali tal-Kumitat, u jistieden lill-Kumitat jagħmel tali konsultazzjoni obbligatorja tal-anqas għad-deċiżjonijiet kollha li jinvolvu riskju legali għall-Kumitat; ifakkar li s-servizz legali tiegħu jeħtieġlu jingħata biżżejjed riżorsi u l-mandat meħtieġ biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'suċċess fl-interess tal-Kumitat, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-pożizzjoni trasversali u d-daqs insuffiċjenti tiegħu;

Riżorsi umani, ugwaljanza u benesseri tal-persunal

5. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal imfassal mid-direttorat għar-riżorsi umani u l-finanzi tal-Kumitat, li kien approvat f'Ottubru 2021, u r-reviżjoni futura tal-politika dwar il-mobbiltà tal-Kumitat; jistieden lill-Kumitat biex jiżgura l-involviment meħtieġ tar-rappreżentanti tal-persunal fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u fir-reviżjoni tal-politika ta' mobbiltà, rispettivament; jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Kumitat fil-grupp ta' ħidma interistituzzjonali stabbilit biex jindirizza l-problemi li jirriżultaw minn pul limitat ta' kandidati u min-nuqqas ta' listi ta' riżerva ta' kandidati li għaddew minn kompetizzjonijiet miftuħa;

6. Jieħu nota li l-pjan ta' stabbiliment tal-Kumitat ġarrab tnaqqis ta' 7,98 % meta mqabbel maċ-ċifri tal-2013 (li jaqbeż il-mira ta' 5 % stabbilita mill-Kummissjoni), li għandu impatt negattiv evidenti fuq il-proporzjon ta' xogħol/riżorsi u għalhekk fuq il-benesseri tal-persunal; jilqa' d-deċiżjoni li jintalab awditu estern biex r-riżorsi umani disponibbli jitqabblu mal-ammont ta' xogħol, inkluża l-attraenza tal-Kumitat bħala impjegatur u l-allinjament bejn l-evoluzzjoni tal-attivitajiet u r-riżorsi disponibbli; jitlob lill-Kumitat jiżgura konsistenza bejn dak l-awditu u l-pjan ta' azzjoni għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-persunal; jemmen li dak l-awditu għandu jinkludi analiżi speċifika tas-sitwazzjonijiet li l-Parlament kien issenjala qabel (bħal maniġers f'karigi *ad interim* jew f'karigi doppji "fl-interess tas-servizz" u pożizzjonijiet okkupati wara li tgħaddi l-iskadenza tal-mobbiltà) u kwalunkwe deċiżjoni oħra dwar ir-riżorsi umani li taffettwa l-allokazzjoni tal-persunal; jistieden lill-Kumitat biex jinfurma lill-Parlament dwar ir-riżultat u l-miżuri adottati biex jagħti segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li għandhom jinsiltu minn dak l-awditu;

7. Jinnota li deċiżjoni ġdida dwar it-telexogħol u l-ħin flessibbli, adottata f'April 2022, tħejjiet b'mod konġunt mal-Kumitat tar-Reġjuni biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet tax-xogħol moderni, flessibbli u mmexxija mill-ksib tar-riżultati għall-persunal; jilqa' l-preparazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni ġodda dwar id-diversità u l-inklużjoni; jappoġġja li ż-żewġ azzjonijiet inkludew l-involviment tal-uffiċjal tal-opportunitajiet indaqs tal-Kumitat u bbażaw fuq it-tagħlimiet meħuda u t-titjib introdott matul il-kriżi tal-COVID-19;

8. Jinnota l-kunsiderazzjoni li għaddejja dwar miżuri ġodda biex jippromwovu l-aċċess tan-nisa għal karigi maniġerjali, bħal responsabbiltajiet intermedji ta' ġestjoni taħt il-livell tal-kap tal-unità u l-implimentazzjoni prattika tal-ibbaġitjar b'perspettiva tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kumitat ikompli jistinka biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament sabiex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri internament;

9. Jilqa' d-deċiżjoni li r-regoli dwar l-apprendistati għal żmien qasir (li huma obbligatorji għat-tlestija tal-istudji) jiġu riveduti u li jiġu offruti remunerazzjoni adegwata u allowances oħrajn għall-ispejjeż bħal dawk tal-ivvjaġġar u l-mobbiltà;

10. Jieħu nota tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Frar 2022 ([1]) dwar il-każ ta' fastidju possibbli rrappurtat fl-2018 li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjoni Nru 293/19 tal-5 ta' Diċembru 2019 tal-Kumitat li imponiet il-piena minima possibbli li tikkonsisti fi twissija bil-miktub, jiċħad il-kumplament tar-rikors u jikkundanna lill-Kumitat għall-ispejjeż; jistenna riflessjoni interna b'segwitu ta' dik is-sentenza, b'mod partikolari dwar il-ksur proċedurali kkonstatat mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-inkjesta interna, bħal dik relatata mad-dritt tad-difiża;

([1]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-23 ta' Frar 2022, *OA vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*, T-671/20, ECLI:EU:T:2022:82.

11. Jirrimarka li mis-sitt talbiet għall-assistenza relatati ma' każijiet possibbli ta' fastidju li waslu fl-2020, waħda għadha miftuħa; jinnota li għal dik it-talba għall-assistenza, l-inkjesta amministrattiva interna tlestiet f'Diċembru 2021, li saru seduti preliminari mal-persuna kkonċernata u mal-vittma fi Frar u Marzu 2022, rispettivament, u li f'Mejju 2022 l-awtorità tal-ħatra talbet inkjesta amministrattiva addizzjonali biex tiċċara aħjar is-sitwazzjoni qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali tagħha; jinnota li għadha ma tteħditx deċiżjoni; itenni li iktar ma jgħaddi żmien, ikun hemm impatt negattiv kemm fuq il-vittmi kif ukoll fuq ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni involuta u, għalhekk, iħeġġeġ lill-Kumitat jindirizza dik it-talba mingħajr aktar dewmien u jirrapporta lill-awtorità baġitarja dwar kif dak il-każ qed jiġi ttrattat;

12. Jinnota l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' soluzzjoni maż-żewġ vittmi ta' fastidju morali f'Diċembru 2020 u Marzu 2021, rispettivament; jieħu nota li l-aħħar punt pendenti għall-implimentazzjoni sħiħa taż-żewġ ftehimiet ta' soluzzjoni jiddependi fuq il-bidla li jmiss fl-organigramma, bi qbil mal-Kumitat tar-Reġjuni u ppjanata għall-implimentazzjoni fl-1 ta' Ottubru 2022; jistieden lill-Kumitat japplika proċeduri speċifiċi meta jittratta każijiet ta' fastidju sabiex il-vittmi kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali; iħeġġeġ lill-Kumitat jirrapporta minnufih lill-awtorità baġitarja dwar l-infurzar effettiv eventwali ta' dan il-punt; għal darb'oħra jesprimi d-dispjaċir tiegħu fir-rigward tad-dewmien fit-tul fir-rigward tal-infurzar mill-Kumitat ta' dawk il-ftehimiet ta' soluzzjoni kif meħtieġ legalment;

13. Jiddispjaċih li l-konklużjoni tal-ftehim ta' soluzzjoni ma' waħda mill-vittmi ta' mġiba ħażina serja seħħet biss f'April 2022; jiddispjaċih ukoll li l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma f'Marzu 2021 bejn il-vittma l-oħra ta' mġiba ħażina serja, eks membru tal-Kumitat, u l-president tal-Kumitat, ġiet ittardjata għal wara d-deċiżjoni mill-Parlament li jipposponi l-kwittanza; jilqa', minkejja dan, id-dikjarazzjoni pubblika mill-President tal-Kumitat, ippubblikata fuq is-sit web tal-Kumitat, li ttenni l-apoloġiji sinċieri tagħha lil dawk kollha kkonċernati għat-tbatija vera kkawżata minn dawk l-irregolaritajiet; itenni t-tħassib tiegħu li s-segretarju ġenerali tal-Kumitat għadu jirrifjuta li jammetti n-nuqqasijiet u r-responsabbiltajiet interni li wasslu għal ksur tad-dmir ta' diliġenza lejn il-persunal tal-Kumitat;

14. Jinnota l-aġġornamenti ta' kull xahar tal-Kumitat u s-segwitu għall-osservazzjonijiet magħmula mill-Parlament fl-ewwel riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2020 ([2]); ifakkar li r-rapport tal-OLAF dwar il-każ OC/2018/0666/A.1 jikkonċerna biss l-imġiba tal-awtur tar-reat fil-konfront tal-vittmi u li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2021 ([3]) sempliċiment teżamina l-validità tad-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2020 mill-bureau tal-Kumitat, li tirribatti d-dikjarazzjonijiet tal-Kumitat fis-segwitu tal-ewwel riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2020 li l-ilmenti ġew ittrattati b'kunsiderazzjoni xierqa għall-benesseri tal-uffiċjali; jirrimarka li l-ipproċessar bil-mod tal-każ mill-amministrazzjoni tal-Kumitat u partikolarment in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-proċeduri interni għalhekk bl-ebda mod ma ġew eżaminati jew validati; josserva bi tħassib li każ ta' ksur serju tad-dmir ta' diliġenza tal-Kumitat lejn il-membri tal-persunal tiegħu ppersista għal wisq żmien; jinsab imħasseb ħafna li t-talbiet mhux ambigwi tiegħu għall-obbligu ta' rendikont ġew injorati b'mod konsistenti għal ħafna snin u jtenni, għalhekk, it-talba tiegħu għal investigazzjoni esterna speċifikament dwar l-azzjoni, jew in-nuqqas tagħha, tal-ġerarkija amministrattiva tal-Kumitat, b'enfasi fuq ir-responsabbiltà tal-ġerarkija amministrattiva fit-trattament tal-ilmenti ta' fastidju u l-iżgurar tal-benesseri tal-persunal;

15. Itenni t-tħassib tiegħu li għadu mhux possibbli li tiġi kkwantifikata l-ispiża finali totali ta' dak il-każ, li għalissa hi stmata għal madwar EUR 150 000, minħabba li tiddependi mill-eżitu tal-proċedura legali li għaddejja bħalissa quddiem il-qorti kriminali tal-Belġju, li fiha il-Kumitat huwa wkoll parti ċivili; jitlob lill-Kumitat jirrapporta minnufih bil-konklużjoni tal-proċedura legali u bl-ispiża finali totali lill-awtorità baġitarja; itenni t-talba tiegħu li l-Kumitat jitlob lill-awtur tar-reat l-ammonti kkumpensati lill-vittmi mill-Kumitat;

([2]) Ir-Riżoluzzjoni (UE) 2022/1704 tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Mejju 2022 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (ĠU L 258, 5.10.2022, p. 109).

([3]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Settembru 2021, *KN vs Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*, T-377/20, ECLI:EU:T:2021:528.

Qafas etiku u trasparenza

16. Jinnota li l-miżuri mogħtija mill-grupp ta' ħidma konġunt fdat bir-reviżjoni tal-qafas etiku tal-Kumitat irriżultaw fi pjan ta' azzjoni għall-etika adottat f'Jannar 2021; jilqa' l-fatt li għadd ta' azzjonijiet ġew implimentati bis-sħiħ bħal, *inter alia*, ir-reviżjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u dwar il-fastidju (adottati f'Diċembru 2021 u f'Marzu 2022 rispettivament), il-ftehim fil-livell tas-servizz mal-Uffiċċju Investigattiv u Dixxiplinari tal-Kummissjoni biex jipprofessjonalizza l-inkjesti amministrattivi, it-taħriġ obbligatorju dwar l-etika għall-persunal kollu, it-twaqqif u t-taħriġ ta' tim ġdid ta' konsulenti tal-etika, it-tiġdid kontinwu tan-network ta' konsulenti kunfidenzjali, u l-gwida l-ġdida għall-persunal "Rispett fuq ix-xogħol fil-KESE" (ippubblikat f'Mejju 2022); jinnota li l-grupp ta' ħidma konġunt wettaq ukoll ħidma preparatorja għar-reviżjoni li għaddejja tad-deċiżjoni dwar proċeduri dixxiplinarji u inkjesti amministrattivi; jitlob lill-Kumitat jimmonitorja regolarment, permezz ta' stħarriġ *ad hoc*, li l-persunal ikollu għarfien adegwat tal-qafas tal-etika; jiddispjaċih li r-reviżjoni tad-deċiżjonijiet imsemmija ddewmet ħafna, u dik dwar il-fastidju ġiet adottata biss wara d-deċiżjoni tal-Parlament li jipposponi l-kwittanza tal-2020, li juri nuqqas ta' rieda li jaġixxi; jesprimi tħassib li ma hemm fis-seħħ l-ebda proċedura speċifika għal fastidju li jinvolvi membru tal-kumitat u uffiċjal (fi ħdan id-definizzjoni tad-Deċiżjoni 090/22 A), bil-konsegwenza li ma tiġi applikata l-ebda proċedura uniformi għat-trattament ta' każijiet ta' fastidju, li twassal biex il-vittmi jiġu ttrattati b'mod differenti; itenni għal darb'oħra li l-fatt li r-Regolamenti tal-Persunal ma jistgħux jiġu imposti fuq membru tal-Kumitat ma jistax jintuża bħala skuża għan-nuqqas ta' azzjoni; jistieden lill-Kumitat jipprevedi minnufih proċedura speċifika li tagħti lil kulħadd protezzjoni xierqa u fit-tul kontra l-fastidju;

17. Jinnota d-dħul fis-seħħ f'Jannar 2021 tal-kodiċi ta' kondotta msaħħaħ tal-membri tal-Kumitat, li jipprovdi aktar ċarezza u jimponi sanzjonijiet aktar severi fil-każ ta' kwalunkwe ksur tar-regoli; jilqa' l-fatt li l-pjan ta' azzjoni dwar l-etika jinkludi miżuri mmirati lejn il-membri, inkluża l-pubblikazzjoni tal-fuljett ta' informazzjoni "Rispett u dinjità fil-KESE" u r-reviżjoni tat-taħriġ dwar l-etika għall-membri biex jiġi allinjat mal-kodiċi ta' kondotta l-ġdid; jinnota li l-Kumitat se janalizza t-talba tal-Parlament biex dan it-taħriġ isir obbligatorju fir-reviżjoni li jmiss tal-istatut tal-membri mill-kwesturi tal-Kumitat; jilqa' b'sodisfazzjon li l-verżjoni riveduta tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat tallinja mal-kodiċi ta' kondotta l-ġdid u jinkludi l-possibbiltà li s-sħubija individwali tista' wkoll titwaqqaf b'mod eċċezzjonali mat-tkeċċija f'każ ta' ksur tal-istandards, id-dmirijiet u l-obbligi etiċi;

18. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern tal-Kumitat ħareġ rapport tal-awditu intern dwar l-etika u l-integrità kmieni fl-2020; jitlob lill-Kumitat għal sommarju tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-awditur intern u tal-azzjonijiet biex jiġu implimentati;

19. Joġġezzjona li l-Kumitat irrifjuta li juża r-Reġistru tat-Trasparenza fuq il-bażi li l-Kumitat huwa korp konsultattiv; iħeġġeġ lill-Kumitat jissieħeb mar-Reġistru ta' Trasparenza bil-għan li jtejjeb it-trasparenza tal-interazzjonijiet tiegħu mar-rappreżentanti ta' interess estern;

20. Jitlob li l-proċeduri u d-deċiżjonijiet interni kollha, inklużi dawk dwar l-etika, jiġu ppubblikati f'rubrika speċifika tas-sit web tal-Kumitat;

21. Jinnota li, bi tweġiba għat-talba tal-Parlament, il-Kumitat qies ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew fir-rapport tagħha fil-każ SI/2/2017/NF "Revolving doors – Implementation of Article 16 of the EU Staff Regulations in a range of EU institutions, bodies and agencies" (Revolving doors – Implimentazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-UE f'numru ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE) biex jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu dwar attivitajiet u inkarigi esterni; jistieden lill-Kumitat jirrapporta dwar l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali;

Koperazzjoni interistituzzjonali

22. Jieħu nota tan-negozjati li għaddejjin mal-Kummissjoni u mal-Kunsill bil-għan li jissaħħu r-relazzjonijiet istituzzjonali u amministrattivi; jappoġġja lill-Kumitat fl-impenn tiegħu li jimplimenta r-rakkomandazzjoni mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex jissaħħaħ ir-rwol istituzzjonali tal-Kumitat u jagħtih is-setgħa bħala faċilitatur u garanti ta' attivitajiet ta' demokrazija parteċipattiva bħad-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-bordijiet taċ-ċittadini;

23. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Kumitat bħala rappreżentant u fl-involviment mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-Istati Membri fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Unjoni; jieħu nota tal-isforzi tal-Kumitat biex ixerred l-opinjonijiet u l-attivitajiet tiegħu bħala parti mit-twettiq tal-missjoni tiegħu u jfakkar fir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament f'riżoluzzjonijiet ta' kwittanza preċedenti dwar is-suġġett; jitlob li l-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Kumitat u l-Parlament isir vinkolanti, u b'mod partikolari jappella għal kooperazzjoni mill-qrib u f'waqtha bejn ir-rapporteurs rispettivi taż-żewġ istituzzjonijiet, sabiex l-opinjonijiet tal-Kumitat ikunu kondiviżi mal-kumitati rilevanti tal-Parlament matul il-fażi ta' abbozzar tar-rapport u li r-rapporteurs tal-Kumitat ikunu mistiedna sistematikament għall-preżentazzjoni ta' dawk ir-rapporti; jirrakkomanda li l-Kumitat iwettaq analiżi tal-impatt aktar kwantitattiva u kwalitattiva tal-opinjonijiet tiegħu; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kumitat isaħħaħ il-persunal li jaħdem fl-oqsma tal-ħidma leġiżlattiva u r-relazzjonijiet interistituzzjonali;

Il-pandemija tal-COVID-19

24. Josserva li, sabiex jibbenefika mit-tagħlimiet meħuda fil-pandemija, fl-2021 twaqqaf pjan ta' azzjoni għall-irkupru għall-Kumitat bil-għan li jgħin lill-membri tal-persunal jimxu 'l quddiem lejn mod ta' ħidma ta' wara l-pandemija; jitlob lill-Kumitat jirrapporta lill-awtorità baġitarja dwar il-passi ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ta' rkupru u l-implimentazzjoni tiegħu.